**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 25 ta' Frar, 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**
**(Spettur Andrew Agius Bonello)**

**Vs**

**Nourredin Amer Elmohamadi**

**(Detentur tan-numru tal-Pulizija 20E-062 u numru ta' Refcom 30221)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Nourredin Amer Elmohamadi** li ġie akkużat talli nhar it-23 ta' Frar, 2023, u fil-ġranet ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Xjentement laqa' għandu jew xtara ear pods misruqa għad-dannu ta' Nickolas Mannino u/jew ta' persuna jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, liema valur ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329. 37).

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-piena relattiva għall-imputazzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti se ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjoni.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat il-Qorti tosserva illi l-imputat ammetta mal-ewwel okkażjoni li kellu, li kkopera mal-Pulizija u li għandu fedina penali netta u li r-*res furtiva* ġiet ritornata. Għaldaqstant il-Qorti tħoss li għandha tagħti dan iċ-ċans lill-imputat li ma jingħatax sentenza ta' priġunerija effettiva. Madanakollu l-imputat irid joqgħod ferm attent li ma jerġax jirrepeti aġir kriminuż għaliex altrimenti dawn il-Qrati ikollhom jitrattaw miegħu mod ieħor.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-334 (a) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Nourredin Amer Elmohamadi** ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal sitt (6) xhur priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qegħdin jiġu sospiżi għal żmien sena (1) mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fi żmien sena (1) mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**